## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **441/2021**

## JOSETTE DARMANIN (KI 531672M)

**vs**

## SANDRO DARMANIN (KI 389870M) U
## J & K RENTALS CO. LTD. (C 67554)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għar-rexxissjoni u annullament ta' konvenju pubblikat fl-atti tan-Nutar Melvin Polidano nhar l-erbgħa (4) ta' Mejju 2020 rigward il-*maisonette finished state* fl-*elevated ground floor* bl-isem 'Pebbles' u bin-numru 115 fi Triq il-GranMastri, Marsascala.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat sitta (6) ta' Mejju 2021, **Josette Darmanin** ippremettiet:

    a. Illi r-rikorrenti u l-intimat Sandro Darmanin kienu f'relazzjoni għal snin twal, b'dan li l-partijiet iżżewġu nhar il-21 ta' Settembru 2019 u bejniethom kienet tirrenja r-regime tas-separazzjoni tal-assi;

    b. Illi r-rikorrenti u l-intimat Sandro Darmanin iffirmaw konvenju datat l-4 ta' Mejju 020, liema konvenju ġie reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jġib ir-referenza numru PS202004324 relattiv għall-fond u cioe *maisonette finished state* li jinsab fl-*elevated ground-floor* bl-isem 'Pebbles' u bin-numru 115 fi Triq il-GranMastri Marsaskala, u li permezz tiegħu r-rikorrenti obbligat ruħha li tittrasferixxi favur l-intimat Sandro Darmanin il-proprjeta' imsemmjia għall-prezz ta' €200,000 li ġie dikjarat li tħallas fl-interita' tiegħu qabel tali konvenju;

    c. Illi fil-verita' l-ammont ta' €200,000 qatt ma tħallsu lir-rikorrenti, u dan kif kellu jiġi spjegat aktar 'il quddiem kemm f'dan ir-rikors ġuramentat kif ukoll f'aktar dettal fil-mori tal-kawża;

    d. Illi l-kunsens tar-rikorrenti sabiex tiffirma l-konvenju aktar 'il fuq ġie karpit b'qerq, pretensjonijiet foloz, u b'malizja da parti tal-intimat Sandro Darmanin u dan kif kellu jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

    e. Illi di piu' l-imsemmi konvenju m'huwiex veritier u ma jirriflettix il-veru ftehim tal-partijiet stante li:

        i. Kontestwalment ma' tali konvenju kellu jiġi ffirmat ukoll dokument ieħor u li permezz tiegħu l-istess intimat Sandro Darmanin kellu jiddikjara lilu nnifsu bħala debitur fl-ammont ta' mitt elf Ewro (€100,000) (**Dok D** anness mar-rikors ġuramentat), liema dokument l-istess intimat Sandro Darmanin irrifjuta li jiffirma immedjatament li l-konvenju ġie iffirmat (u għalhekk mhux minnu li Sandro Darmanin kien ħallas il-prezz għat-trasferiment tal-proprjeta' preċedentement għall-istess konvenju kif ingħad);

ii. U li d-dikjarazzjoni fl-istess imsemmi konvenju fejn ingħad li l-prezz ta' €200,000 tħallas fl-interita' tiegħu qabel tali konvenju kien fil-verita' wkoll marbut mhux biss ma' **Dok D** fuq imsemmi, iżda wkoll ma' konvenju ieħor li r-rikorrenti u l-intimat Sandro Darmanin dehru fuqu bħala xerrejja għall-akkwist ta' proprjeta' f'Ħaż-Żabbar (datat 5 ta' Frar 2020, anness bħala **Dok E** mar-rikors ġuramentat). L-intimat Sandro Darmanin unilateralment waqqa' dan il-konvenjui għad-detriment tar-rikorrenti, li spiċċat f'sitwazzjoni bejn il-konvenju ffirmat minnha, u bejn l-intimat Sandro Darmanin jiddikjara li l-prezz tiegħu kien tħallas fl-intier tiegħu qabel, meta fil-verita' l-ħlas kellu jsir permezz ta' **Dok D** li l-intimat Sandro Darmanin irrifjuta li jiffirma, u mill-akkwist tal-proprjeta' mertu tal-konvenju tal-5 ta' Frar 2020 li l-istess intimat Sandro Darmanin waqqa' mingħajr il-kunsens u l-approvazzjoni u *ad insaputa* tar-rikorrenti, biex b'hekk spiċċat f'sitwazzjoni fejn hi legalment obbligata ai termini tal-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 li tittrasferixxi l-proprejta' 115, 'Pebbles' fi Triq il-Granmastri, Marsaskala, għall-ebda konsiderazzjoni;

iii. Illi r-rikorrenti talbet lin-Nutar sabiex f'tali ċirkustanzi jirrixxindi l-konvenju stante li tali konvenju kellu jkun iffirmat kontestwalment ma' **Dok D** (li kien preparat minnu stess), iżda dan irrifjuta;

iv. Illi għalhekk l-intimat Sandro Darmanin, bi ħsieb ħażin u b'għemil doluż intiż sabiex iqarraq u jippreġudika l-interessi tar-rikorrenti, mhux biss irrifjuta li jiffirma dokument li kien intiż li jiġi ffirmat kontestwalment mal-konvenju mertu tal-kawża (**Dok D**), iżda wkoll waqqa' l-konvenju relatat mal-proprjeta' f'Ħaż-Żabbar (**Dok E**) biex ir-rikorrenti ġiet defrawdata u mqarrqa minn kull aspett, u dan kif kellu jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża;

v. Illi għaldaqstant, il-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmi konvenju, mhux biss ġie meħud b'qerq, iżda wkoll b'għemil doluż,

pretensjonijiet foloz u b'malizja da parte tal-intimat Sandro Darmanin, kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża;

vi. Illi l-intimat Sandro Darmanin sussegwentement ċeda d-drittijiet tiegħu fuq tali konvenju (datat 4 ta' Mejju 2020) lis-soċjeta' intimata J&K Rentals Co Ltd u dan permezz ta' ċessjoni datata s-26 ta' Frar 2021 (**Dok F** anness mar-rikors ġuramentat), b'dan li l-istess soċjeta' intimata intavolat ittra uffiċjali kontra r-rikorrenti sabiex taddivjeni għall-kuntratt relattiv (**Dok Ġ**). Ir-rikorrenti intavolat risposta għall-istess ittra uffiċjali fejn iddikjarat bl-aktar mod ċar u skjett li tali konvenju hu milqut b'vizzju tal-kunsens li jirrenduh null u bla effett fil-liġi (**Dok Ħ**) iżda s-soċjeta' intimata baqgħet tinsisti fuq il-pubblikazzjoni tal-istess kuntratt;

vii. Illi għalhekk ir-rikorrenti pprosegwiet f'din l-istanza fejn qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita' tal-imsemmi konvenju;

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara li l-kunsens tal-attriċi għall-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 in atti tan-Nutar Melvin Polidano ġie karpit u vizzjat b'għemil doluż da parti tal-intimat Sandro Darmanin minħabba qerq, pretensjonijiet foloz, u b'malizja da parti tal-intimat Sandro Darmanin;

ii. Tiddikjara illi l-konvenju datat l-4 ta' Mejju 2020, in atti tan-Nutar Melvin Polidano, oriġinarjament iffirmat bejn ir-rikorrenti u l-intimat Sandro Darmanin hu null u bla effett fil-liġi;

iii. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla għal kollox il-konvenju ffirmat bejn ir-rikorrenti u l-intimat Sandro Darmanin u datat l-4 ta' Mejju 2020, in atti tan-Nutar Melvin Polidano;

iv. Taħtar u tinnomina Nutar Pubbliku u tiffissa jum, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-att ta' rexxissjoni relattiv, u tinnomina kuraturi

deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati jew min minnhom, fl-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-għaxra (10) ta' Mejju 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrenti sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta tippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħha in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar it-Tlieta, l-ewwel (1) ta' Ġunju 2021;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata disgħa (9) ta' Lulju 2021, l-intimat **Sandro Darmanin** eċċepixxa:

   a. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha billi l-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020 li tiegħu qiegħed jintalab ir-rexxissjoni la kien vizzjat b'għemil doluż, la b'qerq, la bi pretensjonijiet foloz, u lanqas b'malizzja da parti tal-intimat Sandro Darmanin, u dan kif kellu jiġi provat fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

   b. Illi għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'għandhiex tannulla, tirrexxindi u tħassar il-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020, kif lanqas allura ma hemm il-ħtieġa li tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att tar-rexxissjoni, kif lanqas ma għandha tinnomina kuraturi għall-eventwali kontumaċja;

   c. Illi l-unika azzjoni infami li ġiet perpetrata hija dik perpetrata mill-attriċi nnifisha meta fuq perjodu ta' ftit xhur hija serqet u għamlet misapproprijazzjoni fl-ammont totali ta' € 81,113.14 għad-dannu ta' omm l-intimat Sandro Darmanin, u somma oħra ta' eluf ta' Ewro għad-dannu tal-intimat Sandro Darmanin. Illi fis-sajf 2020, omm l-intimat

Sandro Darmanin għamlet rapport formali fit-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi ġewwa l-Kawtieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana;

d. Illi minkejja li mill-kuntratt ta' xiri l-fond bl-isem "Pebbles" u bin-numru 115, Triq il-GranMastri, Marsaskala jirriżulta li l-fond kien ġie akkwistat mill-attriċi, u meta hi dehret fuq il-kuntratt tal-akkwist dehret f'isimha proprju, madanakollu l-intendiment tal-attriċi, cioe l-għan tagħha kien li tixtri l-fond għaliha u għan-nom u fl-interess tal-intimat Sandro Darmanin ukoll. Illi fil-fatt, l-intimat Sandro Darmanin kien ħareġ id-depożitu biex jinxtara l-fond, u anke xtara l-għamara għal ġol-fond u kompla jagħmel diversi spejjeż tul is-snin;

e. Għalhekk isegwi li l-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020 li tiegħu qegħda tintalab ir-rexxissjoni huwa ġust u korrett meta jikkonferma li l-ammont ta' €200,000 ġie dikjarat li tħallas fl-interita' tiegħu qabel tali konvenju, u dan stante li nofs il-fond kien jappartjeni lill-istess intimat Sandro Darmanin u l-kumplament kellhom jitnaqqsu u/jew jiġu paċuti mal-flejjes li serqet l-attriċi;

f. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-attriċi ma ġewx sostanzjati; għall-kuntrarju l-unika raġuni li qed tressaq l-attriċi hija li għadha ma tħallsitx dak li jidhrilha li kellha titħallas. Bid-dovut rispett din il-kwistjoni, anke kieku għandha mis-sewwa (li m'għandhiex) ma jkollha l-ebda impatt u/jew effett fuq il-kwistjoni tal-volonta' u l-kunsens tal-attriċi li daħlet volontarjament u liberament għal dan il-kovenju;

g. Illi b'referenza għall-kostituzzjoni ta' debitu **Dok D**, preżentat mill-attriċi, l-intimat Sandro Darmanin jiċħad dan bil-qawwa kollha, kif kellu jiġi konfermat min-Nutar Dottor Melvin Polidano;

h. Illi b'referenza għall-konvenju datat il-5 ta' Frar 2020, dan kien jirrigwarda proprjeta' li kellha tkun ir-residenza tal-kontendenti iżda wara li l-attriċi Josette Darmanin indunat li nqabdet tisraq lil omm l-intimat Sandro Darmanin u lill-intimat Sandro Darmanin, ir-relazzjoni tal-kontendenti spiċċat u hija telqet tgħix għal rasha, b'dan li la kien

hemm skop u lanqas mezzi (ħtija esklussivament imputabbli lill-attriċi) biex jinxtara l-fond, u għalhekk il-konvenju tal-5 ta' Frar 2020 kellu konsegwentement jiġi mwaqqa';

i. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri;

6. B'risposta ġuramentata datata sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021, is-soċjeta' intimata **J & K Rentals Co Ltd** eċċepiet:

a. Illi permezz ta' skrittura ta' ċessjoni tas-26 ta' Frar 2021, l-intimat Sandro Darmanin ċeda u ttrasferixxa lis-soċjeta' intimataJ & K Rentals Co Ltd aċċettanti, id-drittijiet tiegħu naxxenti minn konvenju ta' bejnu u bejn l-attriċi datat l-4 ta' Mejju 2020. L-istess konvenju li sar bix-xhieda tan-Nutar Melvin Polidano, ġie debitament notifikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jġib in-numru OS202004324;

b. Illi l-promessa ta' komprovendita bejn l-attriċi u l-konvenut Darmanin saret versu l-prezz ta' mitejn elf Ewro (€200,000), liema somma kif jirriżulta mill-istess konvenju tħallset interament lill-attriċi li rrilaxxjat debita riċevuta;

c. Illi skont l-istess konvenju, l-intimat Sandro Darmanin kellu l-jedd li jċedi l-jeddijiet tiegħu naxxenti mill-istess lil terzi;

d. Illi permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 2021, l-attriċi, prevja li ġiet notifikata biċ-ċessjoni kif trid il-liġi, ġiet interpellata sabiex entro jumejn min-notifika tal-istess ittra uffiċjali, tersaq għall-formazzjoni u pubblikazzjoni tal-att finali;

e. Illi l-istess attriċi mhux biss baqgħet inadempjenti talli wieġbet għal tali ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 2021 b'allegazzjonijiet fiergħa filwaqt li qalet li mhux beħsiebha tersaq għall-kuntratt finali. Sinfikattiv li ma jidhrix li saru millantazzjonijiet simili qabel ma saret in-notifika taċ-ċessjoni;

f. Illi ċertament li l-allegazzjonijiet tal-attriċi mhumiex diretti lejn is-soċjeta' intimata, u kwindi tali allegazzjonijiet huma *res inter alios acta* għas-soċjeta' rikorrenti li dejjem aġixxiet in buona fede. Is-soċjeta' intimata ma kinitx preżenti meta sar il-konvenju de quo, u ma tistax twieġeb għal dak allegat. Is-soċjeta' intimata rriservat li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri meta tkun edotta mill-fatti;

g. Illi hemm kawża oħra pendenti quddiem din il-Qorti bejn l-attriċi u s-soċjeta' intimata (Rik Ġur 345/2021) fejn qed jintalab li l-attriċi odjerna tiġi ordnata taddivjeni għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt skont il-konvenju de quo, u kwindi l-eżitu ta' din il-kawża jolqot il-kawża in kwistjoni. B'hekk, a tenur tal-Artikolu 793 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti għandha tordna illi dawn iż-żewġ kawżi jiġu mismugħin flimkien;

Tant premess, is-soċjeta' intimata eċċepiet ukoll dan li ġej:

h. Illi l-odjerna kawża għandha tintbagħat biex tinstema' ma' kawża oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta bejn l-attriċi u s-soċjeta' intimata (Rik Ġur 345/2021) a tenur tal-Arti 793 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

i. Illi in kwantu diretti fil-konfront tas-soċjeta' intimata, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt anke għaliex ebda allegazzjoni li fuqha hi msejsa l-kawża ma hi diretta fil-konfront tas-soċjeta' intimata u kwindi tali allegazzjonijiet u talbiet huma *res inter alios acta* għas-soċjeta' intimata;

j. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti fit-totalita' tagħhom;

k. Illi fi kwalunkwe każ, in kwantu l-iskrittura de quo hija waħda privata u mhux att pubbliku, ir-raba' talba attriċi hija inutli u għandha tiġi miċħuda;

l. Illi fi kwalunkwe każ, is-soċjeta’ intimata m’għandhiex tbati spejjeż;

m. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż;

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat ta’ **Josette Darmanin** datat 6 ta’ Mejju 2021, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) iċ-ċertifikat taż-żwieġ bejn Josette Darmanin u Sandro Darmanin (**Dok A** a fol 9 tal-proċess); (b) kuntratt ta’ separazzjoni tal-assi bejn Josette Darmanin u Sandro Darmanin (**Dok B** a fol 10 *et seq* tal-proċess); (c) konvenju datat l-4 ta’ Mejju 2020 rigward il-*maisonette* magħrufa bl-isem ‘Pebbles’, fi Triq il-Granmastri, Marsaskala (**Dok C** a fol 14-15 tal-proċess); (d) dokument li kellu jiġi ffirmat kontestwalment mal-konvenju (**Dok D** a fol 16 *et seq* tal-proċess); (e) konvenju datat 5 ta’ Frar 2020 li twaqqa’ minn Sandro Darmanin (**Dok E** a fol 19 *et seq* tal-proċess); (f) skrittura ta’ ċessjoni (**Dok F** a fol 24 tal-proċess); (g) Ittra uffiċjali intavolata mis-soċjeta’ intimata J & K Rentals Co Ltd kontra r-rikorrenti (**Dok G** a fol 25 tal-proċess); (h) ittra uffiċjali risponsiva intavolata mir-rikorrenti għall-ittra uffiċjali intavolata minn J & K Rentals Co Ltd (**Dok H** a fol 27 tal-proċess);

8. Reġgħet rat ir-risposta ta’ **Sandro Darmanin** għar-rikors ġuramentat, datata 9 ta’ Lulju 2021;

9. Reġgħet rat ir-risposta ta’ **J & K Rentals Co Ltd** għar-rikors ġuramentat, datata 26 ta’ Lulju 2021, u d-dokumenti annessi magħha, cioe: (a) skrittura ta’ ċessjoni datata 26 ta’ Frar 2021 (**Dok A** a fol 47-48 tal-proċess); (b) konvenju datat 4 ta’ Mejju 2020 (**Dok B** a fol 49-50 tal-proċess); (ċ) ittra uffiċjali datata 9 ta’ Marzu 2021 (**Dok C** a fol 51 tal-proċess); u (d) ittra uffiċjali responsiva datata 30 ta’ Marzu 2021 (**Dok D** a fol 53 tal-proċess);

10. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tan-**Nutar Dr Melvin Polidano** prodott mill-attriċi waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2021[1] u d-dokumenti minnu esebiti, u cioe: (a) kopja tal-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020 (**Dok MP1** a fol 80-81 tal-proċess); (b) kopja t'abbozz t'att ta' kostituzzjoni ta' debitu (**Dok MP2** a fol 82 *et seq* tal-proċess); (c) kopja ta' konvenju datat 5 ta' Frar 2020 (**Dok MP3** a fol 86 *et seq* tal-proċess); (d) *e-mail* spedita lin-Nutar Polidano minn Josette Darmanin (**Dok MP4** a fol 92 tal-proċess);

11. Semgħet ix-xhieda ulterjuri *viva-voce* tan-**Nutar Dr Melvin Polidano** prodott mill-attriċi in eżami, u mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami, waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021[2] u d-dokumenti minnu esebiti, u cioe korrispondenza bejnu u bejn Josette Darmanin (**Dok MP4** ukoll, a fol 103 *et seq* tal-proċess);

12. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* tal-intimat **Sandro Darmanin** prodott mill-attriċi in subizzjoni waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021[3];

13. Semgħet ix-xhieda ulterjuri *viva-voce* tal-intimat **Sandro Darmanin** prodott mill-attriċi in subizzjoni waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022[4], u rat id-dokumenti minnu esebiti, cioe: (a) kopja ta' ċekk (**Dok SD1** a fol 145 tal-proċess); (b) kopja tal-*employment history* tiegħu (**Dok SD2** a fol 146 tal-proċess); u (ċ) kopja tal-prokura mogħtija lilu minn martu (**Dok SD3** a fol 147 *et seq* tal-proċess);

14. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Josette Darmanin** a fol 156 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu, u cioe: (a) *e-mail* mibgħuta minn Sandro Darmanin lin-Nutar Polidano (**Dok JD1** a fol 162 tal-proċess); (b) *e-mail* mibgħuta minn Sandro Darmanin lil Bert Galea (**Dok JD2** a fol 163 tal-proċess); (c) *screenshot* ta' konversazzjoni bejn il-konjuġi Darmanin (**Dok JD3** a fol 164 tal-proċess); (d) kopja ta' *e-mail* mibgħuta mir-rikorrenti lin-Nutar Polidano (**Dok JD4** a fol 165 tal-proċess); u (e) kopja tal-ittra uffiċjali

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 67 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 94 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 121 *et seq* tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 133 *et seq* tal-proċess

intavolata mir-rikorrenti fil-konfront ta' Sandro Darmanin (**Dok JD5** a fol 166 tal-proċess);

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri *viva-voce* tal-intimat **Sandro Darmanin** prodott mill-attriċi in subizzjoni waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022[5];

16. Rat illi, waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2022, ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

17. Rat illi l-intimat Sandro Darmanin ngħata żewġ seduti, u cioe s-seduta tas-17 ta' Mejju 2022 u s-seduta tal-5 ta' Lulju 2022 sabiex iressaq il-provi tiegħu, iżda naqas milli jagħmel dan, bil-konsegwenza illi din il-Qorti ma kellhiex alternattiva għajr illi tiddikjara l-provi tiegħu magħluqa sabiex tipprosegwi l-kawża;

18. Semgħet ix-xhieda *viva-voce* ta' **Josef Schembri** in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta, prodott mis-soċjeta' konvenuta, waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2022[6];

19. Rat illi s-soċjeta' konvenuta ddikjarat waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2022 illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

20. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 30 ta' Novembru 2022 (a fol 182 *et seq* tal-proċess);

21. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta datata 5 ta' Jannar 2023 (a fol 193 *et seq* tal-proċess);

22. Rat illi, minkejja illi ġie mogħti lil terminu sabiex jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali, il-konvenut Sandro Darmanin naqas milli jippreżenta tali nota fit-terminu lilu konċess;

23. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

---

[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 169 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 179 *et seq* tal-proċess

24. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

25. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrenti qiegħda prinċiparjament titlob dikjarazzjoni illi l-kunsens tagħha fuq il-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Melvin Polidano kien karpit u vizzjat b'għemil doluż da parti tal-intimat Darmanin, u konsegwentement, għalhekk, ordni għar-rexxissjoni tal-istess konvenju;

26. L-Artikolu 974 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *974. Jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.*

Jispjega mbagħad l-Artikolu 981 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi:

> *981. (1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kenitx tikkuntratta.*
>
> *(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat.*

27. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Lincoln Said et vs Robert Meli et***[7]:

> *Għandu jiġi osservat illi hu prinċipju konsolidat fil-liġi illi l-partijiet għandhom jeżegwixxu l-kuntratt ta' bejniethom bil-bona fede (**Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili**). Huma jridu jassikuraw li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt issir skond l-intenzjoni paċifika li raġonevolment iridu jaslu għaliha l-*

[7] Rik Ġur 24/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 28 t'Ottubru 2021 (in ġudikat)

*partijiet fin-negozju ta' bejniethom. Il-bona fede hi dejjem preżunta.*

*[...]*

*In tema ġenerali l-Qorti tagħmel referenza għall-każ* ***Rita Camilleri et vs Marco Gaffarena et*** *(App Ċiv 137/2010) deċiż fis-26 ta' Mejju 2017 fejn il-*

*"Ikun utli li l-ewwel jiġu traċċati ċertu insenjamenti in materja ta' għemil doluż jew qarrieqi. Il-qerq huwa stat ta' żball li fih taqa' l-persuna minħabba l-aġir doluż ta' ħaddieħor. Il-liġi tagħna tipprovdi (artikolu 981(2) tal-Kodiċi Ċivili) li għemil doluż ma jistax ikun preżunt iżda jrid jiġi ppruvat. Fil-każ tal-qerq, l-iżball huwa pprovokat u kkaġunat mill-aġir doluż tal-kontro-parti. Kif jgħid* <u>*Giorgi*</u> *("Teoria delle Obbligazioni", Volume IV, Libro II, Part II, p 46):*

> *"il dolo è una forma speciale di errore avente per carattere proprio di essere cagionato dalla mala fede dell'altro contraente."*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Reverendu Saċerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et*** *deċiża fil-31 ta' Marzu 1967 mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) ingħad:*

*"... id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ('raggiri') biex tiddevja r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'). Infatti, ikkonsidrat min-naħa tad-deceptor id-dolo hu raġġir waqt li, kkonsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġa' tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-*

> *kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar 'il bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anke meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu iġib għan-nullita'".*
>
> *In oltre l-ingann irid ikun il-kawża determinanti li ta lok għall-ftehim li għaqqad in-negozju bejn il-kontraenti u jrid ikun imwettaq minn waħda mill-partijiet għall-kuntratt."*
>
> *Huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li sabiex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kuntratt, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi; (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u (d) li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni.*

28. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) tadotta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Monique Troisi et vs Kristino Abela et***[8] id-definizzjoni ta' qerq mogħtija mill-ġurista **Alpa** fil-***Corso di Diritto Contrattuale*****,** u cioe *"inganno, circonvenzione, comportamento truffaldino, raggiro usato per far cadere in errore la controparte e indurla a concludere il-negozio"*[9] u tispjega:

> *[...][T]ajjeb jingħad li f'sistemi oħrajn tal-liġi, jeżistu dispożizzjonijiet li jagħrfu bejn qerq determinanti u qerq inċidentali.* [Ara b'eżempju art 1439 u 1440 tal-Kodiċi Ċivili Taljan]. *Huwa mgħallem li "il dolo determinante consiste in una condotta maliziosa posta in essere dal*

[8] Rik Nru 847/07, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Marzu 2020
[9] G. Alpa, *Corso di Diritto Contrattuale* (2006, pg 138-140)

*deceptor idonea, in concreto, ad ingannare la controparte ingenerando nel 'deceptus' una rappresentazione alterata della realta', provocando nel suo meccanismo volitivo un errore e inducendolo a concludere un contratto che altrimenti non avrebbe stipulato."* [G. Alpa & V. Mariconda, *Codice Civile Commentato* (2a Ediz, 2009) Libro IV, pg 1080-1] *Min-naħa l-oħra, "il dolo incidente si ha quando i raggiri non sono stati tali da determinare il consenso; la controparte avrebbe equalmente concluso il negozio, ma a condizioni diverse. ... il dolo incidente non comporta l'annullamento del contratto; il contratto è valido, ma il contraente in mala fede risponde dei danni. Il dolo determinante provoca l'annullamento del negozio e in più vi è l'obbligo di risarcire il danno alla parte che fu vittima dell'inganno"* [Alpa, *op cit*, p 139];

*19. Illi l-liġi tagħna titlob li l-prova tal-qerq issir mill-parti li tallega l-qerq* [App. Kumm. **31.3.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Zammit et vs Farrugia et*,** Kollez. Vol. LL.i.546]*, li wkoll trid turi li l-parti l-oħra kellha l-fehma jew intenzjoni li tqarraq* [P.A. DS **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Busuttil et vs Carmen Taliana***]. *Fuq kollox, "l'accertamento del dolo come vizio del consenso deve essere preciso e rigoroso, e non può essere affidato a semplici induzioni o presunzioni od a criteri di verosimiglianza"* [Cass. **8.5.1969** nru 1570]*;*

*20. Illi huwa magħruf li l-qerq ma huwiex preżunt u jrid ikun ippruvat kif imiss* [Art 981(2) tal-Kap 16]. *Il-prova bħal din trid tkun tajba biżżejjed li turi li l-parti mixlija bil-qerq kienet nisġet skema bi ħsieb partikolari li tilgħab lill-parti l-oħra biex tersaq għall-ftehim* [Caruana Galizia, *Notes on Civil Law – Obligations*, p 272]. *Biex il-qerq*

*jagħti lok għat-tħassir ta' rabta kuntrattwali, irid jintwera li r-raġġiri w skemi mħaddma mill-parti li tkun qarrqet iwasslu lill-parti l-oħra li tersaq għall-ftehim bil-fehma li l-elementi essenzjali tal-kuntratt huma kif maħsuba meta, fil-fatt, tali elementi jew uħud minnhom ma jikkorrispondux mas-sewwa* [P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et***]. Fuq kollox [P.A. **4.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Tanti*** (Kollez Vol XLIX.ii.722)], *tali qerq irid ikun ta' gravita' u serjeta' tali li, kieku ma kienx għalih, il-parti l-oħra ma kinitx tersaq għall-ftehim* [P.A. **13.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras vs Zimmermann Barbaro*** (Kollez Vol **XXXII.ii.223**)]. *Jekk, imbagħad, il-qerq ikun tali li jwassal lill-parti mqarrqa għal żball dwar l-oġġett tal-ftehim, tali żball irid ikun wieħed skużabbli, jiġifieri wieħed li l-parti mqarrqa ma setgħetx tintebaħ bih bid-dehen ordinarju tagħha* [App Ċiv **23.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe et vs Sammy Mifsud et noe***];

29. Ir-rikorrenti u l-intimat Darmanin huma miżżewġa[10], iżda bil-forza ta' *prenuptial agreement* pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Melvin Polidano[11], tirrenja bejniethom ir-reġim tas-separazzjoni tal-assi;

30. Il-fatt illi l-*maisonette* bl-isem "Pebbles" fi Triq il-Granmastri, Marsaskala, kienet oriġinarjament f'isem ir-rikorrenti fl-intier tagħha huwa fatt mhux kontestat. Oltre minn hekk, iżda, issegwi sensiela ta' xhieda kunfliġġenti:

   a. Filwaqt illi l-intimat Darmanin jixhed illi, *"Dak kien inxtara bejnietna meta xtrajnieh tajjeb u kien jidher fuqha biss, ridna nirranġaw l-affarijiet u b'hekk ġiet tiffirmali biex tagħmilli n-nofs tiegħi fuqi"*[12], ir-rikorrenti

[10] Vide **Dok A** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 9 tal-proċess
[11] Vide **Dok B** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 10 *et seq* tal-proċess
[12] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021, a fol 123 tal-proċess

tinsisti fl-affidavit tagħha, *"il-maisonette mertu ta' din il-kawża li hu proprjeta' parafernali u sħiħa tiegħi"*[13];

b. Filwaqt illi r-rikorrenti tgħid illi marret għand in-Nutar fl-4 ta' Mejju 2020 sabiex tiffirma l-konvenju dwar l-istess *maisonette "bil-ġenn u l-anzjeta' li kelli fuqi għax kont imbeżża' u mwerwra u mhedda u intimidata"*[14] wara illi l-intimat Darmanin allegatament uriha *revolver*, l-intimat Darmanin jgħid illi, *"Morna flimkien normali jiġifieri, konna xi ħaġa li mifthemin li ħa mmorru nagħmlu jiġifieri u ġiet miegħi jiġifieri bid-daħqa"*[15];

c. Dwar il-€200,000 illi ġew indikati fil-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 bħala *"prezz fl-interita' tħallas qabel illum, u ta' dana qed tingħata d-debita rċevuta skont il-liġi"*, l-intimat Darmanin jgħid illi, *"dak diġa konna xtrajnieh bi sħab, jiġifieri jien diġa' kelli nofsu dak, tiegħi [...] jiġifieri half of it diġa kienu mħallsin minn dak iż-żmien, minn meta xtrajnieh"*[16] u l-€100,000 l-oħra, *"Ġejjin minn flus li mmisaproprjat ruħha minnhom hi tiegħi, li kienu flus li ħadet lili u hi taf"*[17]. Mill-banda l-oħra, r-rikorrenti ssostni illi, *"ffirmajt il-konvenju mertu ta' dawn il-proċeduri fejn prattikament iddikjarajt li l-proprejta' għandha tgħaddi għand Sandro għas-somma ta' €200,000 'li kienet tħallset minn qabel' (liema dikjarazzjoni m'hijiex veritiera kif spjegajt [...])"*[18];

d. Ir-rikorrenti tgħid illi l-ftehim oriġinarjament kien (u cioe qabel marru għand in-Nutar) illi tiġi ffirmata skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu illi permezz tagħha hi kellha tikkostitwixxi ruħha debitriċi ta' Sandro Darmanin fl-ammont ta' €100,000[19]. Madanakollu, dwar l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu, Sandro Darmanin jixhed illi, *"jien ma dħaltx fiha*

---

[13] Vide l-affidavit ta' Josette Darmanin, a fol 157 tal-proċess
[14] Ibid, a fol 159 tal-proċess
[15] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021, a fol 126 tal-proċess
[16] Ibid, a fol 127 tal-proċess
[17] Ibid, a fol 129 tal-proċess
[18] Vide l-affidavit tar-rikorrenti, a fol 159 tal-proċess
[19] Vide **Dok D** anness mar-rikors ġuramentat, a fol 16 *et seq* tal-proċess

*dik u la qatt kelli niffirmaha la ħaġa w oħra, saqsi lilha għax hi talbitu mhux jiena jiġifieri"*[20];

31. Din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda prodotta mir-rikorrenti sabiex tipprova tiddetermina liema verżjoni hija dik illi tagħmel l-aktar sens, li hi veritiera, u li tista' twassalha sabiex tiddeċiedi jekk jistħoqqilhomx jiġu akkolti t-talbiet rikorrenti. Finalment, din il-Qorti waslet għal dawn l-osservazzjonijiet:

i. Fl-ewwel lok, huwa evidenti illi għal xi raġuni jew oħra, matul ir-relazzjoni turbulenti ta' bejn il-konjuġi Darmanin, kien hemm żmien illi fih kull akkwist li sar mill-koppja Darmanin, sar f'isem ir-rikorrenti. Sussegwentement huwa għalhekk ukoll evidenti illi kien hemm perjodu fejn Sandro Darmanin ma setax jew ma riedx illi jkollu assi f'ismu personali. Ir-rikorrenti tallega fl-affidavit tagħha[21] illi l-intimat ma setax ikollu assi f'ismu per kawża ta' xi proċeduri kriminali illi ttieħdu fil-konfront tiegħu, iżda dan ma ġiex minnha konklussivament pruvat. Cio nonostante, il-fatt illi Sandro Darmanin ma setax jew ma riedx illi jkollu assi f'ismu huwa evidenti: (a) mill-fatt illi ta' 51 sena, huwa m'għandux kont bankarju f'ismu personali iżda juża l-kont bankarju t'ommu[22]; u (b) mill-fatt illi jgħid illi t-tliet vetturi kienu reġistrati fuq martu Josette, iżda kienu tiegħu personali, u difatti, meta martu waqqfitlu l-poloz tal-assikurazzjoni fuqhom, ittrasferixxihom permezz ta' prokura illi kellu ta' martu, waħda fuq kuġin tiegħu u l-oħra fuq il-kumpanija ta' ħuh[23]. **Din il-Qorti għalhekk ma ssibhiex diffiċli illi temmen illi l-*maisonette* mertu ta' din il-kawża kienet inxtrat miż-żewġ partijiet, iżda f'isem ir-rikorrenti, b'dana illi għalhekk l-intimat Sandro Darmanin kien ħallas ta' sehmu.** Dan anke għaliex ir-rikorrenti, minkejja illi ssostni illi l-proprjeta' kienet tagħha parafernali, ma ġabet l-ebda prova sabiex tissostanzja x-xhieda tagħha, liema prova kellha tkun waħda essenzjali, fil-fehma tal-Qorti, sabiex tinnega dak illi kien xehed Sandro Darmanin

[20] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021, a fol 124 tal-proċess
[21] A fol 156 tal-proċess
[22] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022 a fol 136 tal-proċess
[23] Ibid, a fol 138-139 tal-proċess

waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021, u cioe qabel ippreżentat l-affidavit tagħha;

ii. Huwa evidenti wkoll illi malli ż-żwieġ tal-konjuġi Darmanin beda sejjer lura, il-partijiet bdew jimpikaw bejniethom:

a. Huwa fatt mhux kontestat illi r-rikorrenti ma riditx tittrasferixxi l-vetturi illi kienu reġistrati f'isimha, f'isem żewġha[24]. Il-Qorti ssibha aktar faċli li temmen il-verżjoni rikorrenti illi l-valur tal-karozzi kien ta' €138,000, considerando l-fatt illi huma tal-għamla Maserati, Range Rover Evoke, u Range Rover HSE. Il-fatt illi l-intimat Darmanin jixhed illi xtara, *inter alia,* Maserati għall-valur ta' €18,000, ma jagħmel xejn sabiex jistabbilixxi l-kreddibilita' tiegħu bħala xhud, bħalma lanqas jagħmel il-fatt illi jsostni illi ma jifhimx fil-karozzi, meta tali vetturi ma kinux kwalunkwe vetturi, iżda vetturi ta' preġju u ta' valur għoli fis-suq. Madanakollu, minkejja illi r-rikorrenti tagħmel referenza għal dawn il-vetturi bħala prova tal-allegazzjoni tagħha illi żewġha kien qiegħed jipprova joħdilha l-assi kollha illi kellha f'isimha, hija ma ġabet l-ebda prova illi kienet hi li ħallset għalihom dawn il-vetturi, u/jew illi r-reġistrazzjoni f'isimha ma kinitx sempliċiment *cover-story* għall-fatt illi kien qiegħed jakkwistahom l-intimat Darmanin għar-raġunijiet delineati aktar 'il fuq. Anzi hija r-rikorrenti stess illi tallega illi l-intimat ma setax ikollu assi reġistrati f'ismu minħabba proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tiegħu;

b. Huwa wkoll fatt mhux kontestat illi r-rikorrenti waqqfet il-poloz tal-assikurazzjoni fuq l-istess vetturi illi kienu reġistrati f'isimha[25]. Li kieku r-rikorrenti kellha interess fil-vetturi u kienet qed tużahom hi

---

[24] Fl-affidavit tagħha a fol 160, hija tgħid ċar u tond illi *"il-logbooks ma ffirmajthomx"*, hekk kif jikkonferma wkoll l-intimat Darmanin fix-xhieda tiegħu a fol 137-138.

[25] Vide xhieda tal-intimat Darmanin a fol 138 tal-proċess. Ir-rikorrenti ma tikkontestax din l-allegazzjoni fl-affidavit tagħha. In oltre, fix-xhieda tiegħu a fol 141 tal-proċess, l-intimat Darmanin jgħid ukoll illi għalkemm trasferixxa l-vetturi lil terzi permezz tal-prokura, huwa ma ħax flus tagħhom, għax ma kellux interess ibiegħhom. Evidentement, kull ma ried kien illi l-vetturi ma jibqgħux f'isem martu.

bħala l-proprjetarja tal-istess vetturi, kien ikun fl-interess tagħha illi tħallas il-polza tal-assikurazzjoni fuqhom;

c. L-intimat Darmanin beda jabbuża mill-prokura illi kienet tatu martu, u beda jaqleb l-assi illi kienu reġistrati f'isimha, għal fuqu nnifsu u fuq terzi[26];

d. Huwa evidenti anke mill-i*screenshot* esebita bħala **Dok JD3** mal-affidavit tar-rikorrenti[27] illi l-atteġjament bejn il-konjuġi Darmanin kien wieħed ta' pika, b'dana illi filwaqt illi l-Qorti ma tista bl-ebda mod tinjora l-lingwaġġ dispreġġjattiv użat mill-intimat Darmanin, lanqas tista' l-Qorti tinjora l-fatt illi r-rikorrenta kompliet titfa' l-melħ fuq il-ferita bi provokazzjoni;

Dan ikkunsidrat, kien għalhekk aktar diffiċli għal din il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk kienx hemm verament qerq kif qed tallega r-rikorrenti, jew hijiex din il-kawża kollha mossa impikuża da parti tagħha sabiex 'tpattiha' lill-intimat Darmanin;

iii. Il-fatt illi l-intimat Darmanin jikkonferma illi għandu l-armi ma jfissirx illi l-fatti ġraw kif qed issostni r-rikorrenti, u cioe illi marret tiffirma għaliex uriha *revolver*. In primis, li kien verament hekk, u li kieku r-rikorrenti kienet beżgħana minn żewġha daqs kemm qiegħda tallega, il-kawża kienet prinċiparjament tkun dwar kunsens vizzjat bi vjolenza, u mhux dwar qerq. In oltre, l-atteġġjament tar-rikorrenti kif jirriżulta mill-provi prodotti, jagħmilha ċara illi r-rikorrenti tiqaflu lil żewġha meta ma tkunx komda b'sitwazzjoni fiż-żwieġ tagħhom, bħalma għamlet fil-każ tal-*logbooks* tal-karozzi. **Madanakollu, anke jekk il-fatti ma ġrawx kif qed tallega r-rikorrenti, dan ma jfissirx illi l-kunsens tagħha ma setax xorta kien vizzjat b'qerq da parti tal-intimat Darmanin;**

[26] Ibid.
[27] A fol 164

iv. Il-kredibilita' tal-intimat Darmanin issofri wkoll daqqa oħra meta, mistoqsi jekk hux qiegħed jagħraf korrispondenza tiegħu stess immarkata bħala **Dok JD1**[28] u **Dok JD2**[29], u c-*chat* immarkata bħala **Dok JD3**[30], l-intimat Darmanin l-ewwel jinnega illi qiegħed jagħraf l-istess korrispondenza u messaġġi bħala tiegħu (*"L-email le ma nagħrafx li huwa tiegħi"*), iżda sussegwentement, meta ġie senjalat illi r-ritratt tal-*accounts* illi minnhom intbagħtet l-istess korrispondenza u messaġġi huma ritratti tiegħu stess, jgħid illi, *"Jista' jkun"*[31] illi bagħathom hu. **In-nuqqas ta' kredibilita' tal-intimat Darmanin, u l-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, huma indikattivi, fil-fehma ta' din il-Qorti, ta' persuna illi hija kapaċi tasal tagħmel dak allegat mir-rikorrenti, u cioe illi tqarraq kif allegat mir-rikorrenti**;

v. Finalment, imbagħad, din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għall-ikbar enigma fil-każ odjern, u cioe l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu. Dwar dan l-att jirriżulta mill-provi s-segwenti:

a. Skont in-Nutar Dr Melvin Polidano[32], kienet ir-rikorrenti illi talbitu jħejji abbozz ta' att ta' kostituzzjoni ta' debitu illi permezz tiegħu hi kellha tikkostitwixxi ruħha bħala vera, ċerta u likwida debitriċi a favur ta' Sandro Darmanin fl-ammont ta' €100,000. Huwa dan l-abbozz illi ġie anness mar-rikors ġuramentat;

b. Sandro Darmanin, mistoqsi jekk jafx bil-kostituzzjoni ta' debitu, jgħid, *"Ma naf xejn dwarha le."*[33] Din il-Qorti ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-intimat Darmanin, speċjalment tenut kont tal-fatt illi fl-abbozz anness mar-rikors ġuramentat, kien hu l-Kreditur, u mhux ir-rikorrenti, jiġifieri kien hu illi kellu jiggwadanja mill-istess att, u

---

[28] A fol 162 tal-proċess
[29] A fol 163 tal-proċess
[30] A fol 164 tal-proċess
[31] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Jannar 2022, a fol 142-143 tal-proċess
[32] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2021, a fol 69 tal-proċess
[33] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru 2021, a fol 124 tal-proċess

mhux ir-rikorrenti. Il-Qorti qajla tista' tasal temmen illi l-intimat Darmanin ma kellu l-ebda konjizzjoni tal-fatt illi kien ġie abbozzat att illi permezz tiegħu r-rikorrenti kienet qed tikkostitwixxi ruħha debitriċi fil-konfront tiegħu;

c. Konsegwentement, **din il-Qorti aktar tasal temmen il-verżjoni attriċi**, u cioe illi dak illi kellu jiġi ffirmat għand in-Nutar ma kienx konvenju, iżda sempliċiment att ta' kostituzzjoni ta' debitu illi permezz tiegħu ir-rikorrenti kellha tikkostitwixxi ruħha bħala vera, ċerta u likwida debitriċi tal-konvenut Darmanin fl-ammont ta' €100,000, liema ammont kellu jgħaddi għand l-intimat Darmanin ġialadarba tinbiegħ il-*maisonette*. Minkejja dan, iżda, ir-rikorrenti, meta marret għand in-Nutar, ġiet rinfaċċjata bil-konvenju mertu ta' din il-kawża, permezz ta' liema hija ttrasferixxiet il-*maisonette* lil żewġha għal konsiderazzjoni ta' €200,000, u ddikjarat illi tali somma kienet tħallset bil-quddiem. Tgħid ir-rikorrenti fl-affidavit tagħha:

> *In-Nutar Polidano tani l-karti u Sandro qalli, "Iffirma." Għidtlu, "Jimporta naqrah?" F'dan il-punt qabeż in-Nutar u qalli, "Isma' din mhux bejnietkom biex tixtru d-dar? Għax ma tagħmilx il-valur kollu u tagħmlu karta bejnietkom?" Sandro mill-ewwel qalli, "Tajjeb?" u jien għidtlu li m'jien nifhem xejn għaliex il-ftehim kien biss li Sandro jieħu €100,000 mill-proprjeta' tiegħi 'Pebbles' mertu ta' dawn il-proċeduri.*
>
> *Imbagħad in-Nutar ġab karti oħra u qalli, "Se nimlew dawn u nagħmlu karta kontra ta' €100,000 li Sandro kellu jgħaddi lili". Il-kliem "karta kontra" kien sar għaliex suppost Sandro kellu jagħtini lura €100,000 minn dan il-prezz ta' €200,000 kif ukoll għaliex in-Nutar kellu diġa' draft ta' skrittura fejn kont jien deskritta bħala d-debitriċi (**Dok D** anness mar-rikors promotur) u allura kull ma kellu jagħmel kien li jaqleb dan id-draft billi issa Sandro jsir id-debitur. Dan id-daft pero' qatt*

*ma ngħata lili (u sa fejn naf jien qatt ma ġie draftjat) u naturalment qatt ma ġie ffirmat. B'hekk il-ftehim dar billi l-karti li saru kienu jgħidu li jien ngħaddi l-proprjeta' sħiħa lil Sandro (bil-prezz ta' €200,000) u mbagħad suppost Sandro kellu jiffirma karta li lili għandu jtini €100,000 biex b'hekk ikun ħa xorta biss €100,000 mill-proprjeta' 'Pebbles' kif oriġinarjament konna ftehmna. Jien iffirmajt dan il-konvenju għax ma kellix għażla – bqajt niftakar f'dak ir-revolver fuq it-twaletta, il-vjolenza li kkommetta Sandro fuqi fil-passat u li għalhekk kont naf li mhux ser neħlisha minn taħt idejh li kieku ma ffirmajtx u għax għidt li avolja l-ftehim oriġinali ma kienx hekk, fl-aħħar mill-aħħar xorta €100,000 ser jieħu minn 'Pebbles'. B'dan kollu f'moħħi, u bil-ġenn u l-ansjeta' li kelli fuqi għax kont imbeżża' u mwerwra u mhedda u intimdata ffirmajt. Naturalment ħsibt (għax hekk qaluli Sandro u n-Nutar) li ser niffirmaw skrittura wkoll fejn Sandro jkun obbligat li jagħtini €100,000 biex b'hekk niġu square imma ġara li kif lestejt u ffirmajt il-konvenju mertu ta' dawn il-proċeduri fejn prattikament iddikjarajt li l-proprjeta' għandha tgħaddi għand Sandro għas-somma ta' €200,000 'li kienet tħallset minn qabel' [...] qam u qalli, "Imxi!" Jien għidtlu, "U d-dokument l-ieħor?" (cioe għall-iskrittura ta' €100,000 li Sandro kellu jiffirma li għandu jagħtini mill-valur tal-proprjeta' ta' Pebbles) iżda kull ma qalli Sandro kien, "Issa nirranġaw." B'hekk ħriġna mingħand in-Nutar fejn minflok kellu jieħu €100,000 Sandro spiċċa biex ħa proprjeta' ta' €200,000 għaliex l-iskrittura li tgħid li Sandro għandu jagħtini €100,000 ma ġietx iffirmata.*

32. Tenut kont tal-premess, minkejja illi din il-Qorti ma tasalx temmen illi l-vjolenza allegata mir-rikorrenti, jekk effettivament seħħet, kienet element illi affettwat il-kunsens tar-rikorrenti, din il-Qorti tikkonkludi illi **r-rikorrenti ma kinitx tiffirma l-konvenju li kieku kienet konxja illi l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu ma kienx ser jiġi ffirmat.** Mill-provi prodotti, u

anke mill-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq, huwa evidenti illi r-rikorrenti kienet qed tkun kawta ħafna fil-passi li tagħmel. Anke l-fatt illi riedet taqra l-att qabel tiffirmah, u li rrealizzat illi l-att illi kellha quddiemha ma kienx kif ġie miftiehem, juri minnu nnifsu illi r-rikorrenti ma kinitx sejra tiffirma addoċċ;

33. In oltre, ma kienx jagħmel sens illi r-rikorrenti titlob lin-Nutar (kif konfermat min-Nutar stess fix-xhieda tiegħu[34]) sabiex jirrediġi att ta' kostituzzjoni ta' debitu illi permezz tiegħu kienet lesta tikkostitwixxi ruħha debitriċi fil-konfront ta' Sandro Darmanin, li kieku kienet konxja tal-fatt illi ser tiffirma konvenju illi permezz tiegħu se tgħaddi proprjeta' dikjarata f'valur ta' €200,000 mingħajr ma tieħu xejn lura;

34. Finalment, din il-Qorti hija konfortata fil-konklużjoni tagħha mill-fatt illi l-intimat la ndenja ruħu jġib xi forma ta' prova illi permezz tagħha seta' jissostanzja dak minnu allegat fir-risposta tiegħu għar-rikors ġuramentat, la ġab provi sabiex jinnega dak allegat mir-rikorrenti, u lanqas intavola nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu konċess sabiex jagħmel dan. Dan kollu jimmilita, fl-opinjoni tal-Qorti, kontra l-intimat Darmanin stess;

35. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi ġie sodisfaċentement pruvat mir-rikorrenti:

    (a) illi l-iffirmar tal-konvenju kien mossa da parti tal-intimat Darmanin sabiex jimpika mar-rikorrenti, bl-istess mod illi kienet qiegħda timpika miegħu hi, u jieħu assi illi hu qiegħed jippretendi illi għandu dritt fuqhom;

    (b) Illi kien l-intimat Darmanin illi niseġ skema li lagħbet lir-rikorrenti. Filwaqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi r-rikorrenti donnha tallega illi n-Nutar kien ukoll parti mill-istess skema, din il-Qorti tagħmilha ċara illi dan ma jinċidix fuq il-mertu tal-kawża odjerna, u għalhekk qed tastjeni milli tikkunsidra l-istess;

[34] Vide traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-4 ta' Novembru 2021, a fol 69 tal-proċess

(c) Illi l-qerq da parti tal-intimat Darmanin kien ta' gravita' li, li kieku ma kienx għalih, ir-rikorrenti ma kinitx ser tersaq għall-istess konvenju;

36. Stabbilit il-premess, isegwi li ġialadarba l-kunsens tar-rikorrenti fuq il-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 ġie ottjenut b'għemil doluż da parti tal-intimat Darmanin, skont l-Artikolu 974 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tali kunsens ma jiswiex, u fit-termini tal-Artikolu 981, il-ftehim huwa null;

37. **Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel tliet talbiet rikorrenti għandhom jiġu milqugħa;**

38. **Dwar dak illi jirrigwarda r-raba' talba attriċi, din il-Qorti tiqs illi l-konvenju ma ġiex insinwat u huwa skrittura privata, b'dana illi ma jistax jitqies illi huwa att pubbliku. Konsegwentement, m'hemm l-ebda ħtieġa illi jiġi pubblikat att rexxissorju, u d-dikjarazzjoni ta' nullita' per forza ta' din is-sentenza hija suffiċjenti sabiex tannulla l-istess. Il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba rikorrenti;**

39. F'dak illi jirrigwarda lis-soċjeta' intimata J & K Rentals Co Ltd, din il-Qorti tikkonsidra illi l-istess soċjeta' ddaħħlet fl-istorja mill-intimat Darmanin bħal Pilatu fil-Kredu, meta l-istess Darmanin ċeda d-drittijiet tiegħu naxxenti mill-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 illi qed tiġi ordnata r-rexxissjoni tiegħu permezz ta' din id-deċiżjoni. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi s-soċjeta' intimata daħlet fl-istorja permezz ta' skrittura ta' ċessjoni datata 26 ta' Frar 2021, u cioe 9 xhur <u>wara</u> illi ġie ffirmat il-konvenju mill-konjuġi Darmanin, b'dana illi huwa evidenti illi l-istess soċjeta' intimata kienet estranea għal kwalsiasi qerq illi bih seta' kien vizzjat il-kunsens tar-rikorrenti f'Mejju 2020. Difatti, il-provi prodotti mir-rikorrenti jindirizzaw unikament l-aġir tal-intimat Darmanin, u bl-ebda mod ma jesponu lis-soċjeta' intimata għal xi forma ta' responsabbilita'. Din il-Qorti għalhekk tagħraf illi: (a) huwa l-intimat Darmanin <u>biss</u> illi għandu jinżamm responsabbli għal għemil doluż illi konsegwenza tiegħu qiegħed jiġi dikjarat null il-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020; (b) is-soċjeta' intimata m'għandhiex tinżamm responsabbli u/jew tiġi

mġiegħla tirrispondi għall-għemil doluż ta' terzi; u (ċ) is-soċjeta' intimata m'għandhiex tbati spejjeż ġudizzjarji relattivi għal din il-kawża.

**Decide**

40. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

i. **Tilqa**' l-ewwel talba rikorrenti u tiddikjara illi l-kunsens tal-attriċi għall-konvenju tal-4 ta' Mejju 2020 iffirmat quddiem in-Nutar Melvin Polidano kien vizzjat b'għemil doluż da parti tal-intimat Sandro Darmanin;

ii. **Tilqa'** t-tieni talba rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020 huwa null u bla effett fil-liġi;

iii. **Tilqa'** *in parte* t-tielet talba rikorrenti u tannulla għal kull effetti tal-liġi l-konvenju datat 4 ta' Mejju 2020 iffirmat minn Josette Darmanin u Sandro Darmanin quddiem in-Nutar Dottor Melvin Polidano;

iv. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba għar-raġunijiet esposti f'din is-sentenza.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, inklużi l-ispejjeż ġudizzjarji tas-soċjeta' intimata relatati mal-kawża odjerna, kontra l-intimat Sandro Darmanin.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**